# Omar Seguna

Twieled Bormla fil-25 ta' Lulju 1977. Studja fl-Università ta' Malta fejn kiseb B.A. Hons. fl-Edukazzjoni, B.A. Hons fit-Teoloġija u l-Istudji Umani, u *Masters* fl-Informatika. Bħalissa qed ikompli l-istudji tiegħu fl-Università ta' Sheffield. Huwa għalliem u bħalissa qed jaħdem fid-Dipartiment tal-*e-Learning*, fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, il-Furjana. Awtur tal-ktieb *Mal-Ħoss Qawwi tar-Ragħad* (2001), ġabra ta' poeżiji b'daħla ta' Ġużè Chetcuti, u *24, Triq Ħad-Dwieli* (2011), ġabra ta' poeżiji b'daħla ta' Mario Azzopardi akkumpanjata minn ktieb interattiv fil-format ta' CD. Bosta kitbiet tiegħu dehru wkoll f'bosta gazzetti u ġurnali oħra, kif ukoll f'xi antoloġiji varji fosthom *Arkadja*, *Il silenzio della montagna e le voci del mare*, *Premi Letterari Citt*à *Di Pontinia XIII Edizione*, u *Sigrieti tal-Qalb* (Edizzjoni *Bieb Bieb*). Fost ir-rikonoxximenti li ngħata Seguna nsibu l-ewwel premju fil-kategorija Poeżiji bit-Taljan, Konkors Nazzjonali tal-Poeżija, organizzat mill-Għaqda Poeti Maltin fl-2008 u fl-2009; Città di Pontinia (2008), u anke permezz tal-fotografija li hija waħda mid-delizzji oħrajn tiegħu, fil-*Premio Juan Montalvo* (2014). Huwa wkoll membru ta' diversi għaqdiet letterarji fosthom l-Akkademja tal-Malti, l-Għaqda tal-Malti (Università), u tal-Għaqda Poeti Maltin. Seguna huwa wkoll l-editur letterarju tal-ġurnal *It-Torċa*. Miżżewweġ lil Mary Grace u huwa missier ta' tlett itfal.

## DWAR L-INVOLVIMENT FL-GĦAQDIET, IT-TEKNOLOĠIJA INFORMATIKA, U R-RESPONSABBILTAJIET LI ĠĠIB MAGĦHA PAĠNA LETTERARJA

1. **Meta u kif bdiet in-namra tiegħek għall-kitba?**
   Meta kont għadni fl-iskola sekondarja kont diġà bdejt inħażżeż l-ewwel vrus tiegħi. Grazzi għal wieħed mill-patrijiet fil-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl kont nippubblika xi poeżija f'rivista li kienet toħroġ apposta għall-istudenti. L-akbar qabża imma kienet waqt li kont qed nistudja l-Malti fil-livell avvanzat. Bdejt insir naf ħafna awturi, u naqra x-xogħlijiet tagħhom. Hemmhekk sibt l-appoġġ u l-għajnuna kbira ta' Ġorġ Mifsud Chircop, Mario Azzopardi u Immanuel Mifsud li kienu wkoll għalliema tiegħi. Kont nippubblika regolarment fil-paġni letterarji tal-gazzetti. Niftakar li fuq inizjattiva personali kont qassamt fuljett żgħir – kont semmejtu *Memorja* – b'poeżiji, biċċiet ta' proża u disinji minn tiegħi. Għalkemm jiena din illum ngħidilha praspura ħelwa ta' żagħżugħ li kont, naħseb li dan kien ukoll l-ewwel pass għall-poeżija pojettiva li toħroġ b'aktar ċar fil-ktieb tiegħi *24, Triq Ħad-Dwieli*.

2. **Temmen li biex tkun kittieb tajjeb l-ewwel trid taqra ħafna?**
   Bla dubju ta' xejn, waqt li hawn min isostni li "titwieled poeta" din trid tkun sostnuta bil-qari u l-kitba. Trid taqra ħafna u tikteb ħafna. It-talent irid jiġi sostnut, għax inkella jintilef u, bħal siġra li ma tiġix imsoqqija, ma tħallix frott u tiddgħajjef. Nemmen li l-kittieba għandhom joħorġu mill-istili li kienu rivoluzzjonarji fis-snin sittin għax llum qed ngħixu f'millenju ġdid u l-kitba tagħna trid tirrifletti dan ukoll. Għaldaqstant għandna naqraw ukoll diversi awturi barranin biex naraw ukoll ix-xena letterarja internazzjonali 'il fejn hi sejra. Illum hemm ħafna u ħafna kotba sbieħ. Il-pubblikazzjoni fl-opinjoni tiegħi għoliet ħafna fil-livell, u l-kotba huma attraenti ħafna kemm dawk tat-tfal u anke tal-adulti.

3. **Issemmi ftit kittieba Maltin u barranin li b'xi mod influwenzawk biex tibda tikteb?**
   Billi wieħed mill-istili tiegħi huwa dak magħruf bħala l-vers pojettiv, jien influwenzat minn poeti bħal Dylan Thomas, Eugen Gomringer u e.e. cummings. Kittieb Malti li kiteb fuq dan l-istil kien Victor Fenech. Imbagħad fuq l-istess stil hemm il-poeta u l-artist viżwali Joan Brossa. Naturalment dan mhux l-uniku stil ta' poeżija li naqra. Hemm kittieba immortali li isimhom ma

jmut qatt bħal Maya Angelou, Pablo Neruda u Oscar Wilde. Fix-xena lokali mbagħad hemm Karmenu Vassallo, Oliver Friġġieri u Rużar Briffa u, aktar riċenti, Andrew Sciberras u Alfred Grech. Kif qed tara hemm firxa kbira ta' poeti li jiktbu bi stili differenti. Irrid insemmi wkoll lil Mario Attard li mhux biss influwenzani bil-kitba tiegħu imma anke kien t'għajnuna kbira għalija.

Jien dilettant ħafna tal-mużika wkoll u allura influwenzat mhux ftit mill-versi tal-mużika Rock u mużika qawwija. Fost oħrajn dawk ta' Jim Morrison, tal-grupp *The Doors*, li fil-fehma tiegħi l-versi tiegħu huma ħafna isbaħ f'dawk is-siltiet inqas popolari. Imbagħad hemm Roger Waters tal-grupp *Pink Floyd* li għandu viżjoni kbira u wkoll kuxjenza soċjali kbira, u anke l-poetessa Polly Samson li hija l-mara ta' Dave Gilmour li kitbet il-kliem ta' *The Division Bell*.

**4. Liema huma l-pubblikazzjonijiet tiegħek s'issa? Kif ivarjaw waħda minn oħra?**

Minbarra numru ta' xogħlijiet ippubblikati fil-ġurnali u kotba oħrajn, għandi żewġ ġabriet ta' poeżiji. L-ewwel ġabra ppubblikajtha fl-2001 bl-isem *Mal-Ħoss Qawwi tar-Ragħad*. Din għandha daħla ta' Ġużè Chetcuti li l-laqgħa tiegħi miegħu kienet waħda mill-isbaħ esperjenzi li kelli. F'din il-ġabra ppruvajt noħroġ il-kunċett tematiku għaliex il-ktieb huwa mqassam f'seba' kapitli b'temi differenti u jitkellmu dwar il-Jien, l-imħabba u s-solitudini, il-qasam soċjali, ir-reliġjon u l-mewt.

Imbagħad fl-2011 ħriġt il-ktieb *24, Triq Ħad-Dwieli*. F'din il-ġabra tispikka l-poeżija sperimentali u l-vers pojettiv. Jien xtaqt li anke l-isem ikun wieħed kemxejn eċċentriku u l-kapitli mhumiex kif is-soltu naraw imma fl-għamla ta' pjanta ta' dar. Għaldaqstant insibu *Fis-salott*, *Fil-bar*, eċċ. Mario Azzopardi li għamel l-introduzzjoni ta' dan il-ktieb jgħid hekk: "L-ewwel tentattivi tal-awtur kienu diġà dehru sporadikament fl-ewwel antoloġija tiegħu, *Mal-Ħoss Qawwi tar-Ragħad* (2001) imma issa daħlet bixra kinetika aktar koreografata u aktar konspikwa. Forsi anki aktar 'teatrika', sal-punt interattiv jew immersiv: hemm strofi inversi li biex taqrahom trid taqleb il-ktieb rasu 'l isfel u oħrajn li jridu jinqraw f'mera biex jingħarfu."

Innovazzjoni oħra f'dan il-ktieb hija li xtaqt li jkun wieħed minn tal-ewwel, jekk mhux l-ewwel, ktieb tal-poeżija diġitali u interattiv. Qed ngħid interattiv għaliex tista' tisma' xi poeżiji u tara xi vidjows ta' oħrajn. Oriġinarjament kelli l-ħsieb li dan ikun l-uniku mod kif joħroġ dan il-ktieb, imma xi ħbieb tawni parir, u ngħid li kien parir tajjeb, li noħorġu wkoll bħala ktieb tradizzjonali.

Riċentement, għalkemm mhux pubblikazzjoni fis-sens tradizzjonali ta' stampar, nidejt ukoll il-blogg http://omarseguna.blogspot.com/ fejn, minbarra

għażla ta' poeżiji tiegħi, hemm ukoll *podcasts* ta' poeżiji tiegħi. Għalhekk hemm ukoll indirizz fejn wieħed jista' jabbona permezz ta' *app* apposta fuq il-kompjuter, it-*tablet* jew il-mowbajl, u tista' ssegwi dak li ntella' minn żmien għal żmien. Illum x'aktarx nissuġġerixxi dan il-blogg lil min ikun jixtieq jaqra xi poeżiji tiegħi.

5. **Liema huma t-temi li l-iktar tittratta f'kitbietek?**
Nikteb dwar dak kollu li nkun qed inħoss jew ikun qed jiġri madwari. M'hemm ebda poeżija li mhix relevanti, imma tajjeb li l-poeta jħoss dak li jkun qed jiġri fis-soċjetà ta' madwaru. Niftakru li l-poeżija bosta drabi xprunat rivoluzzjonijiet u bidliet fis-soċjetà. Xi drabi aħna l-poeti ngemgmu li ma ningħatawx importanza fis-soċjetà imma kultant aħna stess ma nagħtux kas is-soċjetà madwarna. Fid-daħla tal-ktieb tiegħi *24 Triq Ħad-Dwieli*, Mario Azzopardi jgħid: "Id-djun fuq id-djar, l-aljenazzjoni ambjentali, l-illitteriżmu, it-tifrik domestiku, il-manipulazzjoni awdjoviżiva, u l-allerġija mifruxa kontra l-immigranti klandestini jaqgħu fil-mira tal-awtur, permezz ta' bċejjeċ satiriċi li mhumiex neqsin mill-impatt."

6. **Għaliex l-għażla tal-poeżija bħala ġeneru letterarju li tikteb bih? Ġieli tħajjart tikteb proża?**
Naħseb il-poeżija hija espressjoni li ma nħossx li kelli għażla. Ma tħallikx bi kwietek jekk ma tesprimix fi kliem il-ħsus ta' ġo fik.

Ktibt ukoll bosta novelli li xi wħud minnhom ġew ippublikati fil-ġurnali ewlenin, grazzi għall-paġni letterarji li joffru dan l-ispazju. Ngħidu aħna, in-novella tiegħi *Daqshekk!* kienet ġiet magħżula fil-ktejjeb parti mis-sensiela *Sigrieti tal-Qalb* (pubblikazzjoni Bieb Bieb Enterprises Ltd). Irrid nistqarr ukoll li r-riċensjonijiet ta' kotba oħrajn bħalissa ftit li xejn qed iħalluli ħin għal kitbiet oħra, u donnu li dawn saru l-aktar li qed nikteb.

Madankollu m'iniex neskludi li noħroġ rumanz jew ġabra ta' novelli fil-futur qrib.

7. **X'tgħallimt mill-esperjenza tiegħek bħala membru attiv fil-kumitat tal-Għaqda Poeti Maltin? Kif jgħinek dan f'rabta mal-kitba tiegħek?**
Li tkun membru fil-kumitat tal-Għaqda Poeti Maltin jitlob naturalment li jkollok tqatta' ħafna ħin taħdem għal ħaddieħor. Xi waqtiet ngħid li jkollok tiċċaħħad milli tikkonċentra fuq il-kitbiet tiegħek sabiex torganizza u tagħmel xogħol marbut mal-Għaqda. Imma dan ix-xogħol mhux biss jagħtini ħafna u ħafna sodisfazzjon imma nitgħallem minnu wkoll. Smajt ħafna poeżiji ta'

sħabi f'serati letterarji. Attendejt diversi tnidijiet ta' kotba, xi wħud minnhom li l-Għaqda tat l-għajnuna tagħha bħalma kien fil-każ tiegħi meta fl-2011 – dak iż-żmien kont għadni biss membru tal-għaqda – ippubblikajt *24, Triq Ħad-Dwieli*.

Minbarra l-attivitajiet tal-Għaqda, ħdimna wkoll id f'id ma' għaqdiet oħra letterarji u oħrajn, bħal soċjetajiet mużikali.

**8. Issa li inti wkoll editur letterarju tal-paġna letterarja ta' *It-Torċa* liema huma l-ikbar sfidi li qed tiltaqa' magħhom? Semmi s-sabiħ u l-ikrah ta' opportunità bħal din.**

Bħala editur letterarju, l-ewwel ta' *l-orizzont* u issa ta' *It-Torċa*, kelli l-okkażjoni li niltaqa' ma' ħafna awturi u pubblikaturi. Sirt naf awturi li kont nafhom biss mill-ktieb jew minn isimhom. L-akbar sodisfazzjon huwa li nara li l-paġna letterarja qed toffri spazju kemm għall-awturi u l-pubblikaturi u fl-istess ħin tkun ta' interess għall-qarrejja ta' *It-Torċa*.

**9. Inti ġieli tikteb ukoll bl-Ingliż u bit-Taljan. X'opportunitajiet joffri l-għarfien tal-ilsna?**

Li nikteb u naqra bl-Ingliż u bit-Taljan hija opportunità, però nistqarr li l-fatt li naf sew dawk iż-żewġ lingwi biss, minbarra naturalment il-Malti, inħossni limitat ħafna wkoll. Tant hemm letteratura għanja Spanjola, Ġermaniża, Franċiża, Għarbija u Russa, fost oħrajn, li nħossni żgħir u nixtieq ngħarrex aktar fis-sbuħija ta' vrus oħra barranin u fl-għerf ta' kittieba oħra barra minn xtutna. Imma l-Ingliż u t-Taljan fetħuli bibien sabiex nikkollabora ma' għaqdiet letterarji oħra barranin.

**10. Kemm huma importanti l-internet u t-teknoloġija tal-informatika llum f'rabta mat-tixrid tal-letteratura inġenerali?**

Permezz tal-internet illum wieħed jista' jaqra ħafna dwar diversi kittieba u x-xogħlijiet tagħhom; jiftaħlek ħafna orizzonti ġodda. Barra minn hekk imbagħad hemm il-komunikazzjoni b'mod immedjat ma' awturi oħra, anke dawk barranin. Il-mezzi soċjali llum offrew ukoll spazju ġdid biex il-poeti jaqsmu ma' ħbieb tagħhom xi poeżija minn tagħhom. Fejn qabel forsi konna nistennew li tinstema' xi poeżija tagħna fuq ir-radju, jew li tiġi ppubblikata fuq il-ġurnali, illum huwa ħafna aktar faċli li jtellagħha fuq xi blogg jew midja soċjali.

Progress

Ma nridx inpinġi
mil-linji 'l ġewwa
Irrid nagħti l-kulur
u ngħid l-istejjer
ta' meta qbżt il-linja
u ntbaħna li ma kienx żball
meta għarafna li d-dinja ddur,
fis-skiet kiefer li bqajna fih,
bit-togħma qarsa tal-ħall ma' fommi

Omar Sey
30-3-2005

**11. Inti għalliem, uffiċjal fil-qasam tat-tagħlim tat-teknoloġija tal-informatika, miżżewweġ, u missier ta' tlieta. Kif tirrikonċilja dan kollu mal-qasam tal-kitba u tal-letteratura? Kif jintrabtu flimkien?**

Ikolli nammetti li bosta drabi ma jgħinux lil xulxin. Matul il-perjodu li kont qed nistudja għall-Maġisteru fl-Informatika tista' tgħid waqaft għalkollox mill-kitba. Il-lingwi li l-aktar li kont nara ma kinux jinkludu dik Maltija, jew Ingliża, jew ta' xi pajjiż jew poplu ieħor, imma dawk li nużaw biex nikkomunikaw mal-kompjuter. Il-familja ħafna drabi wkoll trid ħafna u ħafna impenn. L-istess ix-xogħol. Imma rrid ngħid li wara kollox il-familja hija bħal "poeżija sabiħa" – fis-sens li għalija tfisser kollox. *24, Triq Ħad-Dwieli* huwa ispirat ħafna mill-ewwel snin taż-żwieġ tiegħi.

**12. Proġetti għall-ġejjieni?**

Għandi ħafna u ħafna proġetti ppjanati. Irrid insib ħin biex noħroġ l-ewwel rumanz tiegħi. Imbagħad hemm oħrajn li forsi għalissa għadu ftit kmieni biex nitkellem dwarhom.

(Frar, 2015)